II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/642

**tat-13 ta' April 2019**

**li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2019/274 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 50 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit innotifika lill-Kunsill Ewropew dwar l-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("Euratom") f'konformità mal-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE"), li japplika għall-Euratom bis-saħħa tal-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

(2) F'konformità mal-Artikolu 50 TUE, l-Unjoni Ewropea nnegozjat mar-Renju Unit ftehim li jistabbilixxi l-arranġamenti għall-ħruġ tiegħu, li jikkunsidra l-qafas għar-relazzjoni futura tiegħu mal-Unjoni ("Ftehim dwar il-Ħruġ").

(3) Fil-11 ta' Jannar 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/274 ([1]) dwar l-iffirmar tal-Ftehim dwar il-Ħruġ ([2]).

(4) Fil-21 ta' Marzu 2019, il-Kunsill Ewropew approva l-Istrument relatat mal-Ftehim dwar il-Ħruġ u d-Dikjarazzjoni Konġunta li tissupplimenta d-Dikjarazzjoni Politika, li dwarhom sar qbil bejn il-Prim Ministru May u l-President tal-Kummissjoni Ewropea Juncker fil-11 ta' Marzu 2019.

(5) Bid-Deċiżjoni (UE) 2019/476 ([3]), il-Kunsill Ewropew, bi qbil mar-Renju Unit iddeċieda li jestendi l-perjodu taħt l-Artikolu 50(3) TUE sat-22 ta' Mejju 2019 fil-każ li l-House of Commons tkun approvat il-Ftehim dwar il-Ħruġ sad-29 ta' Marzu 2019, jew, jekk dan ma jkunx il-każ, sat-12 ta' April 2019. Il-House of Commons ma approvatx il-Ftehim dwar il-Ħruġ sad-29 ta' Marzu 2019.

(6) Fil-5 ta' April 2019, ir-Renju Unit ippreżenta talba oħra lill-Kunsill Ewropew għal estensjoni tal-perjodu previst fl-Artikolu 50(3) TUE. Fil-11 ta' April 2019, bid-Deċiżjoni (UE) 2019/584 ([4]) il-Kunsill Ewropew, bi ftehim mar-Renju Unit, iddeċieda li jestendi aktar dan il-perjodu sal-31 ta' Ottubru 2019. Il-Kunsill Ewropew fakkar li, skont

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/274 tal-11 ta' Jannar 2019 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 47 I, 19.2.2019, p. 1).

([2]) It-test tal-Ftehim dwar il-Ħruġ mehmuż mad-Deċiżjoni (UE) 2019/274 ġie ppubblikat fil-ĠU C 66 I, 19.2.2019, p. 1.

([3]) Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2019/476 meħuda bi qbil mar-Renju Unit, tat-22 ta' Marzu 2019 li testendi l-perjodu taħt l-Artikolu 50(3) TUE (ĠU L 80 I, 22.3.2019, p. 1).

([4]) Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2019/584 meħuda bi ftehim mar-Renju Unit tal-11 ta' April 2019 li testendi l-perjodu skont l-Artikolu 50(3) TUE (ĠU L 101, 11.4.2019, p. 1).

l-Artikolu 50(3) TUE, il-Ftehim dwar il-Ħruġ jista' jidħol fis-seħħ f'data iktar kmieni, jekk kemm-il darba l-Partijiet ilestu l-proċeduri tar-ratifika rispettivi tagħhom qabel il-31 ta' Ottubru 2019. Konsegwentement, il-ħruġ għandu jsir fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara t-tlestija tal-proċeduri tar-ratifika jew fl-1 ta' Novembru 2019, skont liema data minnhom tiġi l-ewwel. Barra minn hekk, kif indikat fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 ta' dik id-Deċiżjoni, dik id-Deċiżjoni tieqaf tapplika fil-31 ta' Mejju 2019 fil-każ li r-Renju Unit ma jkunx organizza l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew skont id-dritt applikabbli tal-Unjoni u ma jkunx irratifika l-Ftehim dwar il-Ħruġ sat-22 ta' Mejju 2019.

(7) Konsegwentement, id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-Ħruġ kellha tiġi adattata biex tirrifletti l-perjodu previst fl-Artikolu 50(3) TUE, kif estiż mill-Kunsill Ewropew bi qbil mar-Renju Unit.

(8) Fil-11 ta' April 2019, bi ftehim mar-Renju Unit, il-Ftehim dwar il-Ħruġ sarulu tliet modifiki kif ġej:

— fl-aħħar premessa, il-kliem "wara d-29 ta' Marzu 2019" ġie sostitwit bil-kliem "mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim";

— fl-Artikolu 185, l-ewwel subparagrafu ġie sostitwit bil-kliem:

"Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ f'waħda mid-dati li ġejjin, skont liema data tkun l-aktar kmieni:

(a) il-jum wara t-tmiem tal-perjodu previst fl-Artikolu 50(3) TUE, kif estiż mill-Kunsill Ewropew bi qbil mar-Renju Unit, dment li, qabel dik id-data, id-depożitarju ta' dan il-Ftehim ikun irċieva n-notifiki bil-miktub mill-Unjoni u mir-Renju Unit fir-rigward tat-tlestija tal-proċeduri interni meħtieġa;

(b) l-ewwel jum tax-xahar wara li d-depożitarju ta' dan il-Ftehim jirċievi l-aħħar waħda min-notifiki bil-miktub imsemmija fil-punt (a).

F'każ li, qabel it-tmiem tal-perjodu previst fl-Artikolu 50(3) TUE, kif estiż mill-Kunsill Ewropew bi qbil mar-Renju Unit, id-depożitarju ta' dan il-Ftehim ma jkunx irċieva n-notifiki bil-miktub imsemmija fil-punt (a), dan il-Ftehim ma għandux jidħol fis-seħħ.";

— fl-Artikolu 2 tal-Protokoll dwar Ġibiltà, id-data tat-30 ta' Marzu 2019 ġiet sostitwita mid-"data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-Ħruġ".

(9) Għalhekk, id-Deċiżjoni (UE) 2019/274 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

(10) Kif previst fl-Artikolu 50(4) TUE, ir-Renju Unit ma ħax sehem fid-diskussjonijiet tal-Kunsill li jikkonċernaw din id-deċiżjoni u lanqas fl-adozzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (UE) 2019/274 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, kif adattat, huwa b'dan awtorizzat, suġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim.

It-test tal-Ftehim, kif adattat, huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni (*).

(*) ĠU C 144 I, 25.4.2019, p. 1".

*Artikolu 2*

It-test tal-Ftehim mehmuż mad-Deċiżjoni (UE) 2019/274 huwa sostitwit bit-test tal-Ftehim adattat mehmuż ma' din id-Deċiżjoni ([5]).

([5]) ĠU C 144 I, 25.4.2019, p. 1.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' April 2019.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
G. CIAMBA